3 ta' Ġunju, 1946.
Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Neg. Joseph La Rosa *versus* Emmanuele Farrugia

**Telf — Serq — Azzjoni Rivendikatorja — "Buona Fede" — Kolpa — Art. 596 tal-Kodiċi Ċivili u art. 254 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Min jitlef ħaġa jew jiġi misruq minnha jista' jitlobha lura minn għand il-possessur tagħha billi jindennizzah. Imma ma jistax ikun obligat jagħmel dan l-indennizz jekk il-possessur ma jkunx akkwistaha "in buona fede", jew ma jkunx akkwistaha b'titolu oneruż, jew ma jkunx akkwistaha minn għand min apparentement seta' kien il-proprjetarju tagħha jew persuna mqabbda mis-sid biex jiddisponi minnha.*

*Dawn it-tliet elementi għandhom neċessarjament jikkonkorru kollha; u t-tielet wieħed għandu jirriżulta speċifikatament, u mhux jiġi sempliċement kunsidrat bħala indizju kwalunkwe ta' buona fede, jiġifieri illi l-akkwirent tal-ħaġa jrid ikollu l-konvinzjoni raġjonevoli illi huwa akkwista l-ħaġa minn għand min verosimilment kien il-proprjetarju tagħha.*

*Il-prova tal-"buona fede" qiegħda fuq l-akkwirent, u dan għandu jipprova mhux biss li kien "in buona fede", iżda li lanqas kien f'kolpa meta akkwista l-ħaġa.*

*Każ fejn ġie ritenut li l-konvenut ma kienx "in buona fede" meta xtara oġġetti li rriżultaw li kienu misruqa.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha ta' l-10 ta' April 1946, fejn huma rikapitulati t-talba, l-eċċezzjonijiet u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u fejn ġiet deċiża kwistjoni preliminari ;

Tikkunsidra ;

Illi d-dispożizzjoni li għandha tiggverna dan il-każ hija dik ta' l-art. 596 tal-Kodiċi Ċivili (antik 254 ta' l-Ord. VII ta' l-1868), li tistabbilixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali, tradizzjonali, esposta fl-artikolu ta' qabel, illi in riferenza għall-mobili skond in-natura tagħhom u t-titoli għall-porta-

tur il-pussess għandu favur it-terzi ta' bwona fede l-effett stess tat-titolu. Dak l-art. 596 fuq ċitat igħid illi dak li jitlef il-ħaġa jew li ġie misruq minnha jista' jitlobha lura billi jindennizza l-possessur; u għalhekk dan l-artikolu ta d-dritt ta' rivendika tal-ħaġa mitlufa jew misruqa ("derubata"), bil-kondizzjoni illi r-rivendikant għandu jħallas lill-possessur l-indennizz. L-inċiż 2 ta' l-istess artikolu jagħmel eċċezzjoni oħra għall-ewwel parti, illi r-rivendikant jista' jieħu lura l-ħaġa mingħajr ma jagħti indennizz taħt ċerti kondizzjonijiet speċjali hemm enumerati, u ċjoè (1) meta dan ma jkunx ħadha b'bwona fede, (2) b'titolu oneruż. (3) minn għand min, milli kien jidher, seta' kien il-proprjetarju ta' dik il-ħaġa jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex jiddisponi mill-ħaġa. Skond il-liġi, dawn it-tliet elementi għandhom neċessarjament jikkonkorru, u t-tielet element għandu speċifikatament jirriżulta u mhux jiġi semplicement kunsidrat bħala indizju kwalunkwe ta' bwona fede;

Infatti l-leġislatur tagħna, meta għamel dik id-dispożizzjoni eċċezzjonali ta' dak l-artikolu, kellu quddiemu minn parti l-Kodiċi Muniċipali tagħna u min-naħa l-oħra l-Kodiċi Taljan u Franċiż. Il-Kodiċi Taljan fl-art. 708 jistabbilixxi illi dak li tilef il-ħaġa, jew li lilu ġiet misruqa, jista' jirripetiha minn għand il-possessur, salv ir-regress ta' dan kontra l-venditur tiegħu. Għalhekk il-leġislatur Taljan, kif ukoll il-Kodiċi Franċiż, bejn it-tnejn, proprjetarju tal-ħaġa mitlufa jew misruqa u l-possessur tal-ħaġa (ta' bona fidi jew ta' mala fidi huwa indifferenti), ta prevalenza lil sid il-ħaġa, għarraġuni illi l-propretarju tilifha jew ġie misruq minnha mingħajr ebda ħtija tiegħu, kif wieħed għandu raġjonevolment jippreżumi, mentri min jixtri jista' jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji biex jara li qiegħed jixtri sewwa. L-unika eċċezzjoni li għamlu dawk il-liġijiet huwa l-każ ta' xiri minn fiera, suq, bejgħ publiku jew merkant li jagħmel spaċċ publiku ta' dik il-merkanzija, fejn allura min jixtri ma jistax jagħmel diliġenza iżjed u jieħu prekawzjonijiet akbar, u allura s-sid għandu jindennizza l-possessur. L-istess igħid il-Kodiċi Franċiż fl-artikoli 2279 u 2280;

Il-Kodiċi Muniċipali tagħna, mill-banda l-oħra, fil-Lib. III, Kap. 16, kien igħid :— "Non potrà il padrone di mobili, di semoventi, o d'altre cose impegnate o vendute, pretenderle dal terzo e rivendicarle, come a lui spettanti, non pagando le somme sborsate sul pegno o in atto della vendita". Hawn il-Kodiċi kien jipproklama l-prinċipju illi l-akkwist ta' mobili jiswa bħala titolu ; però kien iżid "alla riserva dei casi nei quali consterà della mala fede di colui che avrà fatto lo sborso, ovvero consterà che saranno state arrubate, oppure date in pegno o vendute da servi, da figli di famiglia, o da altre persone che verisimilmente non potevano averle........." ; għaldaqshekk il-leġislatur tagħna kien għażel id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Muniċipali, għalkemm forsi d-dispożizzjoni tal-kodiċijiet l-oħra hija iżjed razzjonali u ekwa. U din hija r-raġuni l-għala naraw f'dak l-artikolu tagħna fuq imsemmi tal-liġi attwali illi min jixtri l-ħaġa għandu jkun (1) in bwona fede, għaliex jekk ikun in mala fede allura r-regola li l-pussess jiswa titolu ma tkunx qatt applikabili ; (2) illi n-negozju jkun oneruż, għaliex jekk ikun gratuwitu hija preferibili l-pożizzjoni tas-sid rivendikant, in forza tal-prinċipju "melius est favere ei qui certat de damno vitando quam ei qui certat de lucro captando" ; u (3) illi jkun xtara minn għand persuna li verosimilment setgħet tkun il-proprjetarja tal-ħaġa jew persuna inkarikata mis-sid għal dak l-effett. U għalhekk ingħad iżjed 'il fuq illi dik hija kondizzjoni essenzjali f'dan l-artikolu, u mhux qiegħda hemm bħala sempliċi indizju tal-bwona fede, għaliex preċiżament kienet qabel fil-liġi antika tagħna u l-leġislatur ried jirrispetta dik it-tradizzjoni. Giet magħmula f'dispożizzjoni speċjali peress li din hija dispożizzjoni ta' eċċezzjoni u ta' importanza kbira, sew minn banda waħda għall-proprjetarju tal-ħaġa mitlufa jew misruqa, sew mill-banda l-oħra għall-persuna li takkwista dik il-ħaġa bil-bona fede kollha ;

Il-leġislatur però żied dawk il-kliem illi x-xerrej irid ikollu l-konvinzjoni raġjonevoli li jkun qiegħed jixtri minn għand min verosimilment ikun il-proprjetarju tal-ħaġa stess, biex juri illi f'din il-materja x-xerrej ma għandux ikun trattat ugwal-

*ment* u bl-istess regoli bħal possessur ta' bona fede fil-każ *ta' l-azzjoni rivendikatorja*, meta l-ħaġa tkun reklamata mill-veru proprjetarju u tkun posseduta minn għand persuna li tkun bil-bona fede fil-pussess tagħha; iżda l-kriterju f'din *id-dispożizzjoni* għandu jkun iżjed rigoruż, preċiżament għaliex ħawn qegħdin f'materja wisq odjuża, ta' ħaġa mitlufa jew *agħar u agħar ta' ħaġa misruqa*; *u għalhekk* il-legislatur ried, għalkemm mhux fil-grad tal-kodiċijiet kontinentali, kif int-qal iżjed 'il fuq, jipproteġi anki sid il-ħaġa *mitlufa* jew *mis-ruqa*, mentri fl-istess ħin jipproteġi wkoll lil min ikun qie-għed jixtri dik il-ħaġa bil-bona fede; iżda tefa' fuq dan l-*element l-ieħor li għandu joqgħod attent illi jixtri minn għand* min verosimilment huwa l-proprjetarju tal-ħaġa jew almenu l-mandatarju tiegħu; u din *il-prova qiegħda* kollha *fuq* ix-xerrej, li għandu allura juri li huwa mhux biss kien "in buona fede", iżda ma kienx lanqas fl-ebda ħtija ("culpa") meta xtara minn għand dik il-persuna;

Tikkunsidra;

Illi, stabbiliti dawn il-prinċipji li huma *fondamentali f'din* il-materja, biex l-apprezzament tal-provi jkun jista' jsir iżjed tajjeb u ma ssirx konfużjoni bejn din id-dispożizzjoni u *dis-pożizzjonijiet oħra ta'* possessur ta' bwona fede *f'materja oħra* mhux ta' ħaġa mitlufa jew misruqa, huwa meħtieġ li dawn il-prinċipji jkunu applikati għall-każ *in ispeċje*;

L-appellat ġieb 'il quddiem, biex juri li huwa qiegħed in konformità ma' dik id-dispożizzjoni, il-pubbliċità tax-xar-ten meta xtrah, u jekk qabel kien hemm xi ħabi dan kien minħabba l-liġi ta' l-emerġenza, li huwa xtara bil-prezz nor-mali tal-Gvern, u li xtara minn għand persuni li għalih kie-nu ta' bwona kondotta u fdati. Mill-banda l-oħra l-appellant jissottometti dawn iċ-ċirkustanzi:—

1. Żewġ membri tal-Pulizija avviċinaw lill-appellat u offrewlu kwantità ta' xarten, qalulu li hija ta' sinjur minn Malta li ma riedx juri ruħu; għall-ewwel mar ikellmu wieħed minnhom, Agius, u mbagħad mar anki Mosè Galea; fuq il-prezz marru għand ċertu Wistin Scicluna u raw il-lista tal-prezzijiet; u l-appellat aċċetta u xtara skond il-prezz tal-

Gvern;

2. Il-kwantità ta' dan ix-xarten kienet rilevanti ħafna, ċjoè 150 pezza, u għalhekk il-prezz imtela' fuq it-£800........;

3. Il-konsenja saret f'darbtejn; l-appellat għandu ħanut Piazza Sabina, għal tejn kienet destinata l-merkanzija, u minflok il-konsenja ssir f'dak il-ħanut issir f'post ieħor fi Strada Assunta, fejn l-appellat kien iżomm l-annimali. Spjegazzjoni ta' dan ma tirriżultax soddisfaċentement mill-atti tal-kawża; infatti kwalunkwe negozjant li jagħmel operazzjoni onesta jirċievi l-merkanzija tiegħu fil-ħanut u mhux f'post appartat;

4. Il-konsenja, minflok saret fil-ħinijiet normali tal-gurnata, issir, skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Attard, kif kien qallu l-appellant, fid-dlam, mentri skond ix-xhieda ta' l-appellant saret f'xi tmienja ta' fil-għaxija għal ħabta ta' Gunju jew Lulju, meta kien hemm il-ħin legali, kien ikun għadu d-dawl, mentri dan il-fatt huwa rrikonċiljabili ma' dak li qal l-Ispettur Attard bħala ħaġa komunikata lilu mill-appellat, meta dan gie detenut meta gie skopert is-serq, illi kien iddlam. Issa jekk kien id-dlam, huwa anki inspjegabili l-għala ħaġa simili kellha ssir fid-dlam u f'ras l-appellat ma kellu jidħol ebda suspett;

5. Biex issir il-konsenja l-appellat stess ta xkejjer imqatta' u maħmuġa, u l-merkanzija giet imqiegħda f'erba' xkejjer;

L-appellant jikkumbatti dawn iċ-ċirkustanzi, li ċertament huma ta' ċerta importanza, biex juri illi min qiegħed jixtri ma jistax ikun "in buona fede", illi dan sar peress li l-merkanzija kienet kontrollata, u għalhekk riedet tinħeba. Iżda dan kollu jaqa' meta jkun kunsidrat illi skond ix-xhieda ta' Maria Farrugia, mill-post ta' Strada Assunta hija garret dawk il-pezez fil-ħanut ta' Piazza Sabina u gew hemm esposti publikament fuq siggijiet quddiem il-bieb tal-ħanut. Ċertament dan jirriferixxi għal dawk il-pezez li ma gewx mibjugħa f'Malta; iżda l-fatt illi xi pezez kienu esposti publikament juri wkoll illi l-appellat ma kienx qiegħed jibża' illi l-Pulizija jew xi uffiċjali tal-F.C.C.O. kienu jindunaw b'dawk

il-pezez li kienu kontrollati. Imbagħad dan il-fatt illi l-pezez *jitqiegħdu fuq siġġijiet quddiem il-bieb tal-ħanut huwa inspjegabili* wkoll, għaliex ebda wieħed tal-ħanut fil-kors ordinarju ta' l-affarijiet ma jesponi l-pezez tiegħu b'dak il-mod, iżjed u iżjed meta jkun jaf li dik il-merkanzija hija kontrollata u ma kienetx minnu denunzjata lill-awtorità kompetenti, jew inkella akkwistata skond il-liġi;

Tikkunsidra;

Illi wara l-bejgħ hemm dawn iċ-ċirkustanzi rilevati anki mill-appellant:—

1. Illi l-appellat jiġi Malta, imur għand Ġorġ Said, dan *jieħdu għand* ċertu Camilleri, Said jitkellem ma' Camilleri, l-appellat *jibqa' fil-bieb tal-ħanut għall-ewwel u mbagħad* ikellem anki 'l Camilleri. Isir il-bejgħ ta' 39 pezza mill-150, iżda għall-ewwel lil Camilleri l-appellat ippromettielu xi 100 pezza, u peress illi Camilleri ra li l-kwantità kienet kbira kellhom iraħħsulu sold fil-jarda; il-prezz ġie miftiehem ma' Camilleri biż-2s. 8d., iżda l-appellat ħa biż-2s. 6d " ż-żewġ soldi fil-jarda ħadhom Said;

2. It-trasport minn Għawdex għal Malta sar mill-post ta' Strada Assunta għax-xatt ta' Għawdex fiegħodu kif daħlu d-dgħajjes, u l-appellat ġie anki Malta peress li kellu anki xi xogħol, u għalhekk imbagħad sab ruħu preżenti għand Camilleri;

3. Meta l-appellant sab xi pezez li ki n biegħ Camilleri u qabad li kien hemm serq, il-Pulizija rrintraċċjat lill-appellat bħala wieħed mill-vendituri u bagħtet għalih; irriżulta mill-Ispettur Attard li għall-ewwel ċaħad kollox; huwa però jagħti spjegazzjoni illi ħaseb li l-indaġini kienet fuq il-merkanzija li ma kienetx kontrollata, u meta l-Ispettur qallu illi jekk mhux implikat fis-serq aħjar jitkellem, huwa qal lill-Ispettur li kien *xtara minn għand* Agius. Iżda ma tax spjegazzjonijiet oħra, u għalhekk huwa baqa' detenut l-għassa mis-Sibt sat-Tnejn ta' wara, meta huwa talab li jkellem lill-Ispettur jew lis-Suprintendent, u allura f'dik l-okkażjoni huwa ta l-ispjegazzjoni kollha. Issa din hija ċirkustanza importanti ħafna, għaliex fiha ma jistax ikun hemm l-*ekwivoċità*, li ċjoè

huwa kien qiegħed jibża' peress li l-merkanzija kienet kontrollata. Infatti jekk għall-ewwel beża' u ċaħad kollox, u qal li huwa ma' din l-affari ma għandux x'jaqsam għax qatt ma kellu negozju fix-xarten, meta l-Ispettur spjegalu li kien hemm serq, u jekk huwa ma kienx implikat fis-serq aħjar jitkellem, allura kien il-mument li negozjant onest, negozjant li ma kellux ebda dubju illi l-merkanzija ma kellhiex provenjenza illeċita, kien jirrakkonta l-fattijiet kif ġraw lill-Pulizija. Infatti hekk għamlu xerrejja oħra, illi kif il-Pulizija interrogathom fuq din l-affari, mingħajr ħabi ta' xejn, għalkemm kienu jafu li għamlu kontravvenzjoni kontra l-liġi ta' l-emerġenza, iżda peress illi ma riedux ikunu bl-ebda mod implikati f'dik il-materja tas-serq, lanqas indirettament, qalu l-fattijiet kif ġraw. L-appellat, għall-kuntrarju, qal illi huwa ġieb dik il-merkanzija minn għand il-Panzer, iżda ħeba li kien implikat anki Mosè Galea u ċ-ċirkustanzi kollha tax-xiri, u ddeċieda li jagħti informazzjoni ta' kollox it-Tnejn ta' wara;

4. L-appellant issottometta wkoll illi f'dina l-kawża l-appellat baqa' passiv, jistenna l-provi li seta' jġib l-appellant. Ċertament huwa atteġġjament anormali għal negozjant onest, għal negozjant li huwa ġenwin fl-affarijiet tiegħu, illi huwa ma jibdiex il-provi tiegħu permezz tax-xhieda tiegħu stess ħalli jispjega lill-Qorti l-fatti kollha kif ġraw; veru li huwa xehed quddiem il-Qorti Kriminali ta' l-istruzzjoni, iżda n-negozjant onest li jkollu l-interess kollu mhux li jinħeba, iżda li jgħid il-versjoni tiegħu, jinsisti għall-produzzjoni ta' l-atti ta' l-istruttorja, u jekk għal xi raġuni jew oħra dawk l-atti ma jistgħux ikunu prodotti hawn, allura huwa jagħti x-xhieda u ma jħallix lakuna simili. L-appellant osserva illi wara illi l-appellat ġieb il-provi tiegħu u l-partijiet ippreżentaw noti ta' l-osservazzjonijiet bħala kumment fuq il-fattijiet, allura l-appellat ħaseb biex jagħti x-xhieda tiegħu u jikkontradiċi ċerti fatti esposti fin-nota avversarja;

5. L-appellant issottometta wkoll illi l-appellat lanqas sejjaħ l-awturi tiegħu biex jiddefenduh. Ċertament f'kawżi simili fil-maġġur parti tal-każijiet sar hekk, peress illi x-xer-

rej li jkun xtara tajjeb ikun preċiżament itid isejjaħ lill-venditur tiegħu biex jiddefendih; l-għala f'dan il-każ l-appellat għażel li ma jagħmilx hekk ma ġiex spjegat adegwatament, għaliex l-appellat issottometta illi huwa mhux obligat isejjaħ fil-kawża lill-venditur, iżda jistenna l-provi ta' l-avversarju. Ċertament dan huwa mod perikoluż, għax il-venditur tiegħu seta' eventwalment kellu mezzi ta' difiża;

6. Illi in riferenza għad-depożizzjoni tardiva da parti tal-konvenut l-Ewwel Qorti, meta ammettietha *permezz* tal-verbal tad-19 ta' Ġunju 1945, irriżervat l-apprezzament li tista' tagħmel ta' dik il-prova tardiva;

Tikkunsidra;

*Illi mill-kumpless ta' dawn* iċ-ċirkustanzi kollha, illi ċertament għandhom jittieħdu fil-kwadru kollu ta' l-affarijiet kif ġraw, tiġi l-konklużjoni illi l-appellat kellu jkun jaf illi l-provenjenza ta' dik il-merkanzija hija illeċita, u għalhekk ma setax kien in bwona fede. Din il-Qorti, in re "Catania vs. Azzopardi" fis-6 *ta'* Mejju 1927 (Kollez. Vol. XXVI — I — 787), għalkemm f'dak il-każ kien deheb, iżda applikat anki l-art. 254 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, li fuqu kienet bażata l-azzjoni, u rriteniet illi "i convenuti non hanno preso la cura necessaria per appurare la *provenienza di cose offerte* loro in vendita sotto circostanze che avrebbero dovuto renderli sospetti circa l'origine delle cose oggi reclamate; e di tale loro negligenza essi devono portare le conseguenze";

Tikkunsidra;

*Illi rigward it-tielet element tad-dispożizzjoni fuq ċitata*, ċjoè illi l-appellat xtara minn għand persuna li verosimilment kienet il-proprjetarju tal-ħaġa, jew inkella l-mandatarju inkarikat mill-proprjetarju, għandu jiġi osservat illi l-appellat ċertament ma setax *jaħseb illi dawk iż-żewġ pulizija* kienu l-proprjetarji ta' dawk il-pezez, kif huwa ma ħasebx, iżda li kienu l-mandatarji ta' persuna injota. Iżda l-liġi, kif intqal iżjed 'il fuq, titfa' dan l-element kollu fuq min ikun qiegħed jixtri, u timponilu li jara li jkun qiegħed jixtri min għand min verosimilment huwa l-proprjetarju. Issa *meta jiġi* sensal għan-nom ta' injot, ix-xerrej ma jkunx qiegħed jottempera ruħu ma' dik

il-dispożizzjoni, għaliex preċiżament ikun qiegħed fil-għama tal-persuna tal-proprjetarju, u allura ma jkunx jista' jiġġudika jekk dik il-persuna setgħetx verosimilment ikollha dik il-merkanzija. Issa fil-każ in eżami huwa assurd illi żewġ pulizjotti jkunu jistgħu jgħidu li huma mandatarji ta' persuna injota li kienet rifuġjata minn Malta u li kellha dik il-kwantità kollha ta' xarten. Kieku kien il-każ ta' kwantità żgħira forsi l-appellat seta' daħal fil-konvinzjoni li kien hemm dak ir-rifuġjat li ried jiddisponi mill-merkanzija tiegħu; iżda kwantità bħal dik, ta' 150 pezza, hija tali illi bilfors, skond dik id-dispożizzjoni tal-liġi, kellha teżiġi da parti ta' l-appellat li ma jaċċettax proposta simili, iżda jara min huwa l-veru venditur, jiġi in kontatt miegħu biex ikun jista' japprezza dak li l-liġi trid minnu, jekk ċjoè huwa setax jew le jkun il-proprjetarju ta' dik il-merkanzija. Diversament dak l-element jista' jiġi faċilment eluż u l-liġi ma tirraġġungix il-fini tagħha illi tirreprimi d-delitti u għalhekk l-ispaċċ ta' ħwejjeġ li jkunu ġejjin minn delitti. Infatti jekk kull sensal imur ibiegħ għan-nom ta' persuna injota, u x-xerrej ma jagħmelx, għax ma jkunx jista' jagħmel, l-apprezzament li trid minnu l-liġi, preċiżament għaliex il-persuna hija injota, allura dik il-parti tad-dispożizzjoni tkun tista' tiġi faċilment eluża, b'vantaġġ kbir ta' l-awturi ta' delitti ta' serq. Infatti, kif irriteniet din il-Qorti fil-11 ta' Novembru 1859 (Kollez. Vol. I, p. 314), fir-riċerka tal-persuna illi verosimilment jista' jkun is-sid, ix-xerrej għandu l-obligu preċiż illi huwa jindaga l-kwalità u l-kondizzjoni tal-venditur; infatti minn din ir-riċerka wieħed jista' jkollu idea jekk dik il-persuna tistax jew le tkun verosimilment sid il-ħaġa, u kif intqal iżjed 'il fuq, dik ir-riċerka hija neċessarja għall-iskop li l-awturi ta' delitti ma jsibux faċili spaċċ għall-merkanzija misruqa jew mitlufa;

Imbagħad kienet wisq faċili l-konsiderazzjoni illi dak issuppost rifuġjat minn Malta li kellu dik il-merkanzija kollha, li ried proprju jbiegħha Għawdex, kien imur isib lil żewġ membri tal-Pulizija biex jispaċċawlu dik il-merkanzija, mentri dak ir-rifuġjat li kien irid jagħmel hekk kontra l-liġi ta' l-emerġenza, ċertament ma kienx imur isib dawn iż-żewġ

membri tal-Pulizija, bil-perikolu tal-konfiska tal-merkanzija u ta' penali qawwija kontra tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur u tiddikjara u tiddeċidi illi l-appellat meta xtara l-pezez "de quo" fl-att taċ-ċitazzjoni ma kienx "in buona fede" u ma xtarax minn għand min verosimilment kien il-proprjetarju tagħhom, jew mandatarju tiegħu, kontra d-dispost ta' l-art. 596 tal-Kodiċi Ċivili; bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi fuq il-kap deċiż kontra l-konvenut appellat; u għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell; u tordna illi l-proċess jiġi mibgħut quddiem l-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tiegħu.